FID-DAR TA' JOHN KEATS

Ta' ANĠ. DOUGALL

("Wentworth Place", Hampstead)

Mis-siġar kbar neżlin il-weraq tagħhom;
L-ġhasafar f'korijiet jġhannu ferħana
Nistħajlek, o poëta, qed tismagħhom
F'ħolma ta' sliema, f'dil-ġnejna ħadrana;

Fost dina l-armonija tgħanni magħhom
Ġhanjietek li sikwit kont issemmagħna;
M'ġhadhiex il-liedna f'werqatha tilqagħhom
Ġhax waqfet tidwi l-ġhajn safja tal-ġhana.

Ma terġa' tisma' qatt il-leħen tiegħek,
Żagħżugħ tal-poëżija, dil-ġardina;
Xejn aktar fl-ġhana ma jissieħeb miegħek.

Ġo Ruma, r-ružinjol fil-ġhodu kmieni
Fuq qabrek leħnu jsemma' bħal taħnina
X'ħin ikun moħbi fiċ-ċipress sewdieni.

28. 10. 50.